MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 2428/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Moira Azzopardi u l-istess Moira Azzopardi**

**vs**

**Oswald Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsa u disghajn lira Maltija u sebghin centezmu (Lm295.70), in kwantu ghal Lm270.70 dovuti lis-socjeta attrici u Lm25.00 lill-attrici, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ABD 271 fid-9 ta' Marzu 2002 gewwa l-Belt, Valletta habat mal-vettura bin-numru FAJ 159 propjeta ta' Moira Caruana u kkagunat danni

f'din l-istess vettura. Dan l-incident hija unikament responsabbli ghalih il-konvenut peress li s-sewqan tieghu kien negligenti u traskurat.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghal dan l-incident.

Semgha x-xhieda.

Ikkunsidra:

1. L-incident meritu tal-kawza sehh fi Triq il-Punent kantuniera ma' Triq l-Aricsqof. Il-vettura misjuqa mill-konvenut harget minn Triq l-Arcisqof filwaqt li l-vettura misjuqa mill-attrici kienet ghaddejja minn Triq il-Punent.

2. Illi fl-eccezzjoni moghtija mill-konvenut jinghad li kien wieqaf qabel ma sehh l-incident. Mill-provi ma rrizulta xejn minn dan. Anzi fl-okkorrenza [fol. 15] jinghad li x-xufier tal-vettura numru ABD 271 [igifieri dik misjuqa mill-konvenut]*"stated that he was proceeding in Archbishop Str and when he approached West Street he stopped and drove onwards and as he didn't saw the other car approaching they collided"*.

3. L-ezitu ta' din il-vertenza jiddependi fuq jekk Triq il-Punent hijiex triq principali fil-konfront ta' Triq l-Arcisqof, jew humiex toroq ta' importanza ugwali. Mill-konfigurazzjoni tat-toroq fejn sehh l-incident, it-Tribunal jaqbel ma-sottomissjoni li ghamel l-avukat difensur ta' l-atturi li t-toroq huma forma ta' T u li l-vetturi ghaddejjin minn Triq il-Punent ghandhom precedenza fuq dawk hergin ghal minn Triq l-Arcisqof. Dan m'huwiex kaz ta' inkrocju u fil-fatt Triq l-Arcisqof tispicca proprju minn fejn kien hiereg il-konvenut. Fil-fehma tat-Tribunal kien l-obbligu tal-konvenut li qabel ma jirfes fi Triq il-Punent jizgura ruhu li m'humiex telghin vetturi minn fuq il-lemin tieghu. Il-fatt li fl-okkorrenza jinghad li l-konvenut ma rax il-vettura ta' l-attrici, ifisser li ma harisx fuq il-lemin tieghu.

4. Dwar il-quantum ta' danni reklamati, dawn irrizultaw sodisfacentement ippruvati u ma saret l-ebda kontestazzjoni min-naha tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsa u disghajn lira Maltija u sebghin centezmu (Lm285.70), bl-imghax mid-data tan-notifika.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------